# Lectio Divina għall-Gruppi fuq il-Vanġelu tat-Tieni Ħadd tal-Avvent (Sena Ċ)

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa**
Lq 3:1-6
Fis-sena ħmistax tal-ħakma ta' Tiberju Ċesari, meta Ponzju Pilatu kien gvernatur tal-Lhudija, Erodi tetrarka tal-Galilija, ħuh Filippu tetrarka tal-artijiet tal-Iturija u t-Trakonija, u Lisanja tetrarka ta' Abileni, fiż-żmien meta l-uffiċċju ta' qassis il-kbir kien f'idejn Anna u Kajfa, il-kelma tal-Mulej ġiet fuq Ġwanni bin Żakkarija, fid-deżert. U ġie fl-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan, ixandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet, kif hemm imniżżel fil-ktieb tal-profeziji ta' Iżaija:
"Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert:
Ħejju t-triq tal-Mulej,
iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu.
Kull wied jimtela,
kull muntanja u għolja titbaxxa,
il-mogħdijiet mgħawwġa jiddrittaw,
u t-triqat imħarbta jitwittew.
U l-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla!".

Il-Kelma tal-Mulej.
R/. Tifħir lilek, Kristu.

L-Evanġelju tat-tieni Ħadd tal-Avvent ilaqqagħna ma' Ġwanni l-Battista, il-prekursur ta' Ġesù. L-Evanġelista jibda billi jdaħħalna fil-kuntest politiku u reliġjuż u jsemmi diversi mexxejja fosthom lil Anna u Kajfa, li dak iż-żmien kellhom f'idejhom l-uffiċċju ta' qassis il-kbir. Proprju fi żmien dawn il-mexxejja kollha, **"Il-kelma tal-Mulej ġiet fuq Ġwanni bin Żakkarija, fid-deżert**" (v. 2).

Id-deżert huwa l-post assoċjat mas-solitudni u s-skiet, maqtugħ mill-ħafna distrazzjonijiet tad-dinja mgħaġġla li jaljenawna minna nfusna u minn Alla. Fid-deżert, Ġwanni ssaħħaħ spiritwalment. Fid-deżert, huwa bena relazzjoni profonda ma' Alla u kien dispost li jilqa' l-kelma tiegħu. Kien għalhekk li huwa seta' jisma' s-sejħa ta' Alla u jerħilha "fl-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan" (v. 3) biex jaqdi l-missjoni profetika tiegħu. Aħna wkoll, jekk irridu nimxu 'l quddiem fil-vjaġġ spiritwali tagħna, jeħtieġ li niskopru d-deżert ta' ġo fina u rrawmu s-skiet interjuri sabiex nisimgħu leħen il-Mulej.

Biex inhi mimlija ħajtek? X'għandek bżonn tarmi 'l barra biex tagħmel post għall-Mulej? Qed issib ħin fis-skiet mal-Mulej u tħallih ikellmek?

Il-missjoni ta' Ġwanni kienet dik li jħejji qlub in-nies għall-Mulej. Huwa **"xandar magħmudija ta' ndiema għal maħfra tad-dnubiet"** (v. 3), u bosta li kienu għatxana għal Alla kienu jmorru għandu biex jitgħammdu. Ġwanni kien iħeġġeġ lin-nies biex jindmu u jibdlu ħajjithom. Tajjeb niftakru fis-sagrament tal-Magħmudija li rċevejna x'aktarx meta konna trabi. Il-Magħmudija mhux biss tagħtina l-identità ta' nsara, iżda wkoll issejħilna biex nilbsu lil Kristu u nwassluh għand tant nies għatxana għalih fid-dinja tal-lum. Il-ħajja tan-nisrani hija mibnija fuq il-Kelma ta' Alla li titlob minna li nikkonvertu ta' kuljum.

Kif qed tgħix il-Magħmudija li rċevejt? Kemm qed timpenja ruħek biex twassal lil Kristu għand in-nies ta' madwarek?

Bil-Mulej magħna, **"Kull wied jimtela, kull muntanja u għolja titbaxxa, il-mogħdijiet mgħawwġa jiddrittaw u t-triqat imħarbat jitwittew"** (v. 5). Ejjew inwasslu dan il-messaġġ ta' tama matul dan l-Avvent.

## *Talba*

F'Alla biss il-mistrieħ ta' ruħi:
mingħandu tiġini s-salvazzjoni.
Hu biss il-blata u s-salvazzjoni tiegħi,
hu l-kenn tiegħi; xejn ma jċaqlaqni.
(Salm 62, 2-3)